ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

## **Minuti tat-43 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's**

It-43 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's saret nhar l-Erbgħa, 17 ta' Lulju, 2013 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Item 1- Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu ċ-*Chairperson* is-Sinjura Marlene Debattista, il-Viċi-*Chairperson* is-Sur Norman Clews u l-membri s-Sinjuri Simon Vella u s-Sur Luciano Farrugia.

Is-Sur Mario Bartolo kien skużat.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tat-42 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Vella li ġiet issekondata mis-Sur Clews.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sinjura Debattista tkellmet dwar il-ħtieġa li jinżebgħu mill-ġdid il-marki tat-traffiku fi Triq il-Farfett tal-Fejġel u talbet li dawn isiru fl-iqsar żmien.

Item 4 – Korrispondenza

Ma kienx hemm korrispondenza.

Item 5 – Xogħol tal-Kumitat

Is-Sur Farrugia u s-Sur Clews semmew il-bankina li kellha ssir fi Triq San Leonardu u talbu li issa li Triq il-Marżebb tlestiet, jista' jinbeda x-xogħol fuq il-bankina fi Triq San Leonardu.

Item 6 – Affarijiet Oħra

Is-Sur Simon Vella tkellem dwar il-kwestjoni ta' plots vojta li qed ikunu ta' nkonvenjent għall-pubbliku u qal li wara li kien kiteb lill-Kunsill u ħa passi dwar l-inċident li kien hemm fejn nħaraq skart fi plot vojt u kkawża ħsara fil-proprjeta tiegħu fi Triq Patri Feliċjan Grech, uffiċjali tal-MEPA kienu ġew fuq il-post u kellmu lil sid l-art biex jieħu l-passi meħtieġa.

Is-Sur Vella qal li l-ħaxix li kien hemm f'din it-triq kien inqata'. Is-Sur Vella qal ukoll illi t-tfal m'għandhomx jiġu jagħmlu *barbeques* fi plots mitluqa

Is-Sur Vella qal li l-ġebel minn fuq il-bankina għadu ma tneħħiex minn Triq il-Farfett tal-Fejġel mill-kuntrattur Rock Cut.

Is-Sur Clews qal li l-blokki tal-konkos li kien hemm fi Triq San Leonardu għadhom fit-triq.

Is-Sur Vella qal li l-mera fi Triq San Leonardu kienet ġiet irranġata.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.30 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-44 laqgħa li saret nhar l-Erbgħa, 14 t'Awwissu, 2013.

Maria Elena Debattista
Chairperson